# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 t'April tas-sena 2002.**

**Numru   8**

**Avviz  numru   358/99/SM**

**Carmelo sive Charles Sultana**

**vs**

**Charles Dimech, Sindku u Segretarju ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u b'digriet tat-18 ta' Novembru 1999 "Italmal Machinery Ltd" kjamata in kawza.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu s-somma ta' Lm978 rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur fl-incident stradali tal-14 ta' Settembru 1997 gewwa Mazzola San**

**Pawl il-Bahar, f'liema incident saret hsara estensiva fil-vettura tal-marka BMW 520 bin-numru ta' registrazzjoni GAG-043, proprjeta' tal-attur, bhala konsegwenza ta' negligenza, u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti da parti taghkom jew min minnkom;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarji tat-13 ta' Lulju 1998 u tal-14 t'Ottubru 1998 u tal-ittra ufficjali pprezentata fil-11 ta' Gunju, 1998 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mill-14 ta' Settembru 1997, jew data verjuri sad-data tal-pagament effettiv stabilita appozitament minn din il-Qorti;**

**3. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-8 t'April ta' l-1999 li permezz taghha l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici fil-konfront tal-eccipjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi kuntrarjament ghal dak premess mill-attur, il-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar la kien negligenti u lanqas naqas milli jhares ir-regolamenti u ma hu bl-ebda mod responsabbli ghall-allegat incident stradali tal-14 ta' Settembru 1997;**

**2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont ta' LM978.00,0 bhala allegati danni qed jigi kontestat;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Rat in-nota tal-konvenut Charles Dimech datata t-8 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-eccipjenti qatt ma agixxa personalment, u ghaldaqstant mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghall-hsarat li allegatament sofra l-attur fil-vettura tieghu li izda sehhew minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess attur;

3. Illi subordinitament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll kontestat;

4. Illi l-eccipjenti qatt ma gie avvicinat mill-attur biex jaghmel tajjeb ghal xi hsarat qabel il-proceduri odjerni u ghalhekk huwa m'ghandux ibati spejjez;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat il-verbal datat it-18 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz taghha fuq talba mhux opposta ta' l-attur ikkjamat in kawza lis-socjeta' Italmal Machinery Limited;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess socjeta' kjamata in kawza datata l-20 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Preliminarjament illi t-talbiet ta' l-attur huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-hsarat li allegatament sofra l-attur fil-vettura tieghu li izda sehhew minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess attur;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet kollha;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Settembru ta' l-1997 l-attur, waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka BMW bin-numru ta' registrazzjoni GAG-043 fi Triq Mazzola, il-Qawra, dahal f'toqba jew gandott fit-triq u meta nizel jivverifika izda ma ra xejn hazin fil-vettura tieghu;**

2. **Illi jsostni li l-hofra in dizamina kienet wahda kbira u fonda madwar seba' jew tmin pulzieri;**

3. **Illi hu baqa' ghaddej fi triqtu izda madwar kilometru jew nofs kilometru l-boghod l-attur jallega li l-magna ma riditx timxi aktar u kien kostrett icempel lill-RMF biex jassisstuh;**

4. **Illi l-attur isostni li effettivament t-teknici li rmonkawh minn fuq il-post fejn waqfitlu l-vettura tieghu u ezaminaw l-istess vettura nformawh li l-hsarat sofferti kienu ta' natura urgenti;**

5. **Illi in vista ta' dan l-attur jirrizulta li ghamel rapport lill-pulizija pero' ghazel ma hadhomx fuq il-post biex dawn ikunu jistghu jivverifikaw l-allegazzjonijiet tieghu;**

6. **Illi l-attur kien kostrett isewwi l-hsarat sofferti ammontanti komplessivament ghall-disa' mija u tmienja u sebghin Lira Maltin, (Lm978.00,0),  u stante li baqa' ma giex refuz d-danni minnhu sofferti kien kostrett jipprocedi b'din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta assodat li fil-perjodu ta' l-incident in dizamina diversi toroq fil-Qawra, fosthom dik meritu tal-procedura odjerna kien qed isirilhom manutenzjoni fuq l-inkarigu tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar;**

**Illi x-xoghol in dizamina kien gie regolarment assenjat lis-socjetajiet Allworks Limited u Italmal Machinery Limited skond kif jidher a fol 24;**

**Illi di piu' fl-istess dokument jirrizulta li dawn iz-zewg socjetajiet qasmu x-xogholijiet bejnithom bil-bene placitu tal-kunsill de quo;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi f'dan l-istadju, sodisfatta mill-veru protagonisti involuti tiddikjara s-segwenti:**

**a. <u>Ghal dak li jirrigwarda lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar</u>:**

**1. Illi jirrizulta li dan il-kunsill kien il-persuna li ta lok biex isiru x-xogholijiet in dizamina;**

**2. Illi jirrizulta li dan il-kunsill ta l-inkarigu lis-socjeta' kjamata in kawza a bazi ta' sejha ghall-offerti regolarment mahruga u ipprocessata;**

**3. Illi permezz ta' accettazzjoni ta' l-offerta skond il-ligi s-socjeta' kjamata in kawza giet mghotija l-appalt in dizamina;**

**4. Illi ma jirrizulta l-ebda tip ta' irregolarita' fl-assenjazzjoni ta' dan il-kuntratt u in effetti lanqas giet avallata culpa in eligendo fil-konfront ta' l-istess kunsill;**

**b. <u>Ghal dak li jirrigwarda Charles Dimech</u>:**

**1. Illi dan l-individwu ma jiffigurax li personalment kellu xi relazzjoni fil-vertenza in dizamina;**

**2. Illi hu jiffigura biss bhala direttur fis-socjeta' kjamata in kawza u xejn aktar;**

**Ghaldaqstant in vista tal-premess, filwaqt li din il-qorti takkolji l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u tal-konvenut l-iehor Charles Dimech stante li jirrizultaw estranei ghall-akkadut kif fuq intqal, tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghhom bl-ispejjez;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi fir-rigward tas-socjeta' kjamata in kawza Italma Machinery Limited ghandu jinghad li jirrizulta li l-ewwel darba li giet involuta gudizzjarjament fil-vertenza in dizamina kien proprju meta giet kjamata in kawza fl-atti ta' din il-procedura, senjatament wara d-digriet ta' din il-qorti fuq riferit u n-notifika ta' l-istess fit-18 ta' Settembru tas-sena 2000;**

**Illi ghalhekk din il-qorti hi kostretta issa tindirizza l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta' kjamata in kawza Italmal Machinery Limited qabel ma tkun tista' tipprosegwixxi fil-meritu tal-procedura odjerna;**

**Illi l-artikolu li fuqu tistrieh din is-socjeta' jghid testwalment hekk:**

**2153: "L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn";**

**Illi ghalhekk jirrizulta li t-talba gudizzjarja sollevata mill-attur fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza tissupera abbundantement it-terminu perentorju stabbilit mill-artikolu in dizamina bil-konsegwenzi kollha tieghu;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta' kjamata in kawza Italmal Machinery Limited u tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta fil-konfront taghha, bl-ispejjez kontra l-attur.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**